**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

***Kumpilazzjoni Nru. 13/2020***

**Illum:** 4 ta' Frar, 2020

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Camilleri)**

**-vs-**

**Neville Abela, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 78486M**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Neville Abela u cioe` talli:

Nhar is-17 ta' Mejju, 2018 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel ġewwa residenza numru 4, Triq it-Tiġrija, Marsa:

1. Ġiegħel annimal isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) tal-Kapitlu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żamm jew qabel li jżomm annimali mingħajr ma kien reponsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitlu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma ħax dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżgura li l-ħtiġijiet ta' annimal li kien responsabbli għalih, jew li qabel li jieħu ħsieb, jintlahqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimali, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (4) tal-Kapitlu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fit-22 ta' Jannar, 2020, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w hu nghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu. L-imputat rega' tenna l-ammissjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu w ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tal-ammissjoni ferm bikrija tieghu, tal-fedina penali mzewqa tieghu w tac-cirkostanzi l-ohra tal-kaz, partikolarment tal-fatt li r-reat sehh kwazi sentejn ilu.
Gie kkunsidrat ukoll li fir-rigward tal-akkuzi migjuba, japplika l-principju tal-konkors formali ta' reati, fejn fil-kaz in dezamina, il-piena tkun l-istess

wahda ghat-tlett imputazzjonijiet kif ravvizata bl-artikolu 45(1)(a) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31 u 49 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikoli 8(2)(3)(4) u 45(1)(a) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu w tikkundannah ghal multa ta' **€1,200**.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[1] Il-piena fiz-zmien li twettqu dawn ir-reati kienet kif gej:
(*a*) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000), iżda mhux iżjed minn ħamsa u ħamsin elf euro (€55,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien;